Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHA AH HOC**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**Il-Tnejn, 29 t'Ottubru, 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-7.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

Aġenda:
- Pjazza Madonna ta' Loreto
- Tmiem il-probazzjoni tal-Uffiċċjal Eżekuttiv

**Pjazza Madonna ta' Loreto**

Is-Sindku żar l- Avv. Tatienne Cassar, fejn spjegalha li l-Kurja ma qablitx mal-klawżola tal-attivitajiet, u talabha għal parir peress li l-Kunsill ma qabilx li din l-klawżola tiġi emendata. L-Avukata Tatienne ċemplet lil Dun Eddie dak il-ħin stess, fejn spjegat li din l-klawżola trid tidħol bilfors peress li din hi art privata, u l-Kunsill u l-Ministeru se jonfoq il-flus fuqha. Hi qaltlu wkoll li s-sur Guzman kien diġa approva dan il-punt tal-attivitajiet kif imressaq mil-Kunsill. Waqt din il-konversazzjoni, l-Avukata talbet lill Dun Eddie biex jippreżenta il-kuntratti tat-titlu tal-art tal-Pjazza.

Is-Sindku qara lill-preżenti l-paragrafu li żieded l-avvukata mal-klawżola tal-attivitajiet li taqra hekk:

> 'B'hekk qabel ma tittella` attivita` mill-Kunsill, l-istess Kunsill għandu jinforma minn qabel lil Kurja b'din attivita` u l-Kurja ma tistgħax tirrifjuta li din l-attivita` ssir, ħlief għar-raġunijeit validi.'

Franco issġġerixxa li ma' "Kurja" tiżdied li ninformaw lill-"Parroċċa". Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment, u b'hekk tiġi tinqara "... Paroċċa u Kurja b'din attivita` u dawn ma jistgħux jirrifjutaw."

**Tmiem il-probazzjoni tal-Uffiċċjal Eżekuttiv**

Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill, illi fl-aħħar t-Ottubru l-Uffiċċjal Eżekuttiv Sarah Attard tispiċċa t-term tal-probazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-rapport tagħha fuq il-probazzjoni. Il-Kunsill approva li l-kuntratt tal-impjieg tal-uffċċjal Eżekuttiv jiġġeded għal-terminu ta' tlett snin mid-data tal-Kuntratt.

**Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-9.15pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv